# Minuti tal-ghoxrin (20) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur
## It-Tlieta, 14 ta' Gunju, 2016, fil-4.30 pm

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| | |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**1. Talba.**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**2. Minuti.**

Il-minuti tad-dsatax–il (19) laqgħa, tat-Tlieta, 17 ta' Mejju 2016, tat-tmien (8) Kunsill Lokali ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u ddikjarati bħala dokument uffiċjali.

Bħala punti mill-minuti:

i. Pjazza San Pietru u San Pawl – Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li tweħħlet il-gutter u issa ser jingħalaq ix-xogħol fuq il-ġibjun.

ii. Siġar Pjazzetta – Is-Sindku nforma li sar ix-xogħol ta' żbir minn ELC. Il-Viċi Sindku nnota li dawn is-siġar qed jagħmlu ħafna ħsara fil-madwar.

iii. Ittra lil Kuntrattur tal-Knis fl-area ta' Grunju u Ħida – Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li intbagħtet ittra u saret diskussjoni mal-kuntrattur. It-tindif mar il' quddiem u issa l-ilmenti jridu ikunu speċifiċi. Il-Viċi Sindku nforma lil Kunsilliera li kien hemm improvement fl-aħħar ġimgħat.

iv. *Lawn mower* – Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li din inxtrat.

v. Artisti minn Zafferana – Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li żewġ artisti kienu fuq zjara hawn bejn l-20 u 21 ta' Mejju u li dawn laqqajnihom ma sitt artisti

lokali u qed jaħsbu biex l-exhibition ta' Jum il-Kunsill f'Novembru itellawha huma.

vi. *Summer Courses* – Is-Sindku nnota li qed japplikaw għal dawn il-korsijiet u ħargu courses ġodda ta *First Aid u Food Hygiene* ma ERRC. Hu kompla jgħid li il-kunsill pprova jagħmel sports course imma ma instabx persuna li jagħmel dan il-kors. Rigward *Health and Nutrition Course* għal din is-sena il-Kunsill ser joffri *Food Hygiene Course*.

vii. Rapporti tal-Playing Fields - Is-Segretarja Ezekuttiva bgħatet dawn lil Kunsilliera b'email. Is-Sindku nnota lil Kunsilliera li l-Kunsill ser jara x'jonqos u jiġu indirizzati fix-xhur li ġejjin.

viii. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet rigward il-property rights tal-murial. Is-Sindku nnota li l-importanti huwa li din tkun ċara fis-sejha li tinħareg u mingħajr lok għal misinterpretazzjoni. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet ukoll jekk il-kantanti tal-ikla tradizzjonali hux qed jintgħażlu fuq rotation u s-Sindku spjega li bħal ma ġara fl-aħħar snin, kulħadd ser jiehu sehem u allura ma hemmx bżonn ta' rotazzjoni.

ix. Il-Kunsilliera Dr Josianne Cutajar ippreżentat ittra f'isimha u f'isem il-Kunsillier Michael Camillieri rigward kjarifika fuq l-attendenza tagħhom għal-laqghat tal-Kunsill Lokali li għalihom huma ma setgħux ikunu preżenti fejn iccaraw li huma ma attendewx meta inqalghu cirkostanzi jew ragunijiet validi fejn wiehed ma setghux jaghmlu mod iehor. Is-Sindku nnota li l-laqghat dejjem saru fi ġranet li mil-bidu nett tal-leġislatura Dr. Cutajar u s-Sur Camilleri talbu li jinżammu, u anke kull laqgħa kienet maqbula b'mod unanimu waqt l-aġġornament ta' kull laqgha. Hu kompla jgħid ukoll li minkejja kollox xorta waħda dejjem ġew skużati.

### 3. Korrispondenza:

(5533) Ittra mingħand il-Planning Authority dwar l-applikazzjoni ta' mwejjed u siggijiet fil-pjazza. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li kien hemm talba minn Josies Supermarket biex ikollu ukoll spazju bil-hsieb li s-supermarket ser jigi kkonvertit f'bar, u hu kompla jghid li qed issir re-design minhabba dan u li qed jintalbu n-no objections mil-awtoritajiet bhal TM. Is-Sindku nnota li ser ikun process twil specjalment issa li inhargu regoli godda fuq *tables and chairs,* peress li l-Kunsill irrid jara kif ser jaffetwaw. Is-Sindku

għandu jiltaqa' ma dawk li ghandhom bars biex jara jekk hemmx qbil fuq stil ta umbrelel u siggijiet u mwejjed. Tqajjem il-punt mill-Vici Sindku rigward spazzju pubbliku. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud innotat li dejjem ghandu jkun hemm spazzju għal pubbliku kif ukoll għal ħwienet u li nimxu mal-parir tal-perit. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet rigward dawk li huma bil-ħsieb jifthu l-quddiem u jekk hemmx spazju għalihom. Is-Sindku spjega li din diga giet diskussa u li iva hemm spazji aktar milli prezentament hemm bottegini. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud qalet li l-Kunsill ghandu jzomm bilanc, ma nintrabtux, u nahdmu fuq master plan.

(5534) Talba mingħand il-LESA biex jintbagħat ir-rendikont.

(5535) E-mail minghand Valletta 18 dwar attivita "L-Ikla t-Tajba" li ser issir fl-2018 li għaliha qed jigi mistiedna jippartecipaw l-għaqdiet tar-raħal.

(5536) E-mail mingħand Fr. Dionysius Mintoff dwar il-Premju Nazzjonali B'Hilti Wasalt.

(5537) Cirkulari LCA Circ 32/2016 – CENSE Competition.

(5538) E-mail mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Sit gdid tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali.

(5539) Ittra mingħand Doreen Azzopardi fejn tavza li fil-futur qarib il-Josies Supermarket mhux se jibqa jservi ta' Supermarket u minflok isir bar. Għalhekk qed titlob li quddiem dan il-hanut ma jinhargux permessi ta' mwejjed u siggijiet ta' haddiehor.

(5540) Ittra mingħand il-Planning Authority dwar ksur ta' regolamenti fi zvilupp fil-Fliegu Restaurant.

(5541) Cirkuklari AKL Cirk 34/2016 – Prospectus tal-MCAST.

(5542) Talba għal Kuncert bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill fin-Nadur fl-okkazjoni ta' l-10 Anniversarju miz-zjara tal-istatwa tal-bronz ta' San Gwanni Pawlu II. Il-Kunsill ma hux ser jikkollabora f'din l-okkażjoni.

(5543) Stedina mill-Green MT għal Green Council Awards.

(5544) Cirkulari Numru 1/2016 dwar Efficjenza fil-Komunikazzjoni.

(5545) E-mail mingħand il-Wasteserv dwar il-procedura l-gdida ta' kif jintrama' l-iskart. Is-Sindku u s-Segretarja kellhom meeting ma Wasteserv dwar skart organiku u giet proposta l-iskeda tal-gbir. Din l-iskeda tinkludi gabra aktar milli ghandu l-Kunsill fil-present u ser nigu re-imbursed tagħha. Il-Kunsill ser jinforma lil Wastesev bil-proposta tal-iskeda.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

(5546) E-mail mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali bl-ismijiet ta' dawk li qegħdin fil-pooling u anke x'jinvolvi fih ix-xogħol ta' Segretarju Ezekuttiv.

(5547) Cirkulari Numru 2/2016 dwarr Permessi għall-Hatt ta' Merkanzija minn fuq trailers.

(5548) Talba mingħand Toni Ann Muscat ghal Stop sign fi Triq Cimcem, kantuniera ma' Triq Dicembru 13. Il-Kunsill qabel ma dan.

(5549) Stedina mill-Arcipriet ghall-Ikla Tradizzjonali kif ukoll għall-attivitajiet kollha li se jsiru fil-knisja.

(5550) Talba mingħand il Gozo Creative Theatre Club biex il-Kunsill jipprovdi trasport mir-raħal u lura u light refreshments fl-attivita "1551 in Concert". Is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill jgħin f'din l-attivta'. Il-Kunsill qabel ma dan.

(5551) E-mail mingħand il-Lifelong Learning Co-Ordinator fejn tikkonferma li ser isir il kors tal-Health Wellbeing & successful ageing fin-Nadur. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li huwa importanti li dan il-kors jigi reklamat. Il-kunsilliera Dr. Rita Mifsud ser tagħmel kuntatt mas-Sinjura Lina Mifsud u d-day centre fuq dan il-kors.

(5552) Mappa bi proposta ta' Traffic Management Flow fin-Nadur bejn it-18 u t-30 ta' Gunju.

(5553) Stedina mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ghal Seminar bl-isem ta' Ghaqal id-Dar, Hajja Ahjar

(5554) Stedina mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għal-laqgħa dwar il-European Mobility week 2016.

(5555) E-mail mingħand l-enemalta bil-linji gwida godda rigward tiswijiet ta' bozoz.

(5556) E-mail mingħand il-Kumitat tal-Festi Esterni dwar ix-Xalata ta' wara l-festa.

(5557) Claim – Memo 30/2015.

(5558) Ilment mingħand ir-residenti ta' Pjazza 28 t'April 1688 rigward il-Kiosks tal-festa quddiem ir-residenza tagħhom. Is-Sindku nnota li minn dawk li qed jiffirmaw l-ittra waħda biss hija residenti hemm u li l-Kunsill dejjem jaċċerta li ma jarma hadd quddiem il-bieb tad-dar tagħha. Din is-sena l-permessi diga nhargu u barra minn hekk hija problema fejn ser jiccaqilqu dawn il-kiosks. Il-Kunsill qabel li nevitaw kiosks minn quddiem residenzi, u li nerġghu niddiskutu din aktar il-quddiem.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

(5559) Fuljett Numru 22 ta' Għaqda Armar Triq it-Tramuntana.

(5560) Ittra mingħand Transport Malta fejn tinformana li Michael Cohen gie appuntat bhala Co-Ordinator for Local Council Affairs.

**4. Approvazzjoni ta' Pagamenti.**

Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar u l-Kunsillier Michael Camilleri infurmaw lil Kunsill li invista tal-Management Letter u r-rapport tal-Bord tal-Governanza li ħareġ fl-aħħar ġranet, huma ser jastjenu milli japprovaw l-iskeda tal-Pagamenti, u dan sa meta jinħatar Kumitat tal-Finanzi skont kif mitlub mill-ligi.

Is-Sindku nnota li l-*Financial Situation Indicator* naqas b'aktar min-nofs u li bi qbil ma kulħadd mhux qed issir l-ebda spiza kapitali. Hu kompla jgħid li d-deficit tal-Kunsill ma hux qed jakkumula, izda jirrelata l-aktar mal-proġett li sar ħafna snin ilu bil-PPP, u toroq oħra bit-tarmac madwar sentejn ilu. Is-Sindku qal ukoll li kien hu stess li talab lil Kunsill biex ma ssir l-ebda spiza kapitali ta' progetti waqt li l-attivitajiet jibqgħu għaddejjin minkejja li noqogħdu aktar attenti għal ċertu spejjeż. Is-Sindku talab lil Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar biex tara wkoll ir-rapport tal-Awditur Generali fuq il-kontijiet pubbliċi, u anke r-raġunijiet mgħotija, li jirriflettu eżatt din is-sitwazzjoni. Is-Sindku nnota ukoll li l-Kunsill iwettaq ħidma estensiva u jekk thoss li ghandha tiddentifika xi pagamenti li ma taqbilx maghhom tghidlilna fic-car liema huma u dawn jigu diskussi. Is-Sindku kompla jghid li l-Kunsill qieghed hemm biex jiehu decizjonijiet u jekk wiehed ihobb ir-rahal ghandu jimxi b'mod realistiku u mhux jgħix fl-ideal jew fit-teorija biss. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar hawnhekk ferħet lil dan il-Kunsill li rat impenn fih biex tigi imtejjba is-sitwazzjoni finanzjarja. Hi pero kompliet tghid li qajjmet il-punt tal-Kumitat tal-Finanzi għax hu obbligu mill-ligi. Il-Kunsilliera Dr Rita Mifsud nnotat li fil-legislatura ta' qabel din il-kwistjoni diġa tqajjmet u li sahansitra il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar kienet ser tkun parti minn dan il-kumitat. Dr Josianne Cutajar qalet li hi kienet talbet ghall-Kumitat tal-Finanzi fil-legislatura li ghaddiet pero kienet inghatat ir-risposta li huwa l-Kunsill li jiddeciedi jekk dan jigix mahtur. Is-Sindku nnota li hu jrid soluzzjonijiet konkreti. Il-Vici Sindku qal li l-Kunsilliera ser jispiccaw jigu ghalxejn għal laqgħat u li nridu nkunu prattici. Is-Sindku hawnhekk sostna li dan qed juri li kemm Dr. Cutajar u anke s-Sur Camilleri għandhom sfiducja assoluta ta' kif qed jaħdem dan il-Kunsill, fl-operat tiegħu, u f'kull ma qed jagħmel il-Kunsill, u dan għax meta ma tapprovax l-ebda pagament allura ma għandekx fiducja f'dak li qed jitwettaq. Dr. Cutajar ċaħdet dan, pero s-Sindku spjega li jekk dan mhux minnu allura għandha tidentifika liema pagamenti qed idejquhom. Is-Sindku nnota li l-kunsill lokali tan-Nadur, minkejja d-deficit, issa huwa sostenibbli specjalment fl-ispiza kurrenti, u qed jaqta mil-obbligazzjonijiet il-kbar b'mod regolari. B'dan ir-ragunar, is-Sindku qal li

nistgħu allura naslu f'punt fejn lanqas dak mitlub mil-ligi ma jitwettaq u lanqas nisimgħu l-complaints tar-residenti, sahansitra dawk li jipprezentaw il-kunsilliera stess. Dr Josianne Cutajar innutat li ma jfissirx li ghax ikun hemm il-Kumitat tal-Finanzi ma jsir xejn u li ma jigi approvat l-ebda pagament.

Is-Sindku rega' nnota li l-problema fil-Financial Situation Indicator gejja essenzjalment minhabba l-PPP. Il-Vici Sindku nnota ukoll li l-PPP kien maqbul mill-Kunsill kollu ta' dak iz-zmien. Is-Sindku kompla jgħid li parti kbira tan-Nadur saret bit-tarmak b'din l-iskema tal-PPP. Is-Sindku qal li hemm attivitajiet li ma jistgħux jitwaqqfu izda dawk li ma kienux importanti gew imwaqqfa min dan il-Kunsill. Is-Sindku rega nnota lil Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar biex jekk hemm xi pagament li ma taqbilx fuqu tinforma lil Kunsill. Dr. Cutajar insistiet li hi u Michael Camilleri qed jitolbu li jitwaqqaf il-Kumitat tal-Finanzi. Fuq dan ma kienx hemm qbil.

Il-Vici Sindku Eucharist Camilleri, l-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud u s-Sindku approvaw l-iskeda ta' pagamenti li ġiet ippreżentata qabel il-laqgħa. Is-Sindku Edward Said innota xi pagamenti oħrajn li ser jiżdiedu mal-iskeda u cekk ta' 5,000 euro lill-kuntrattur tal-PPP - Gatt Tarmac u l-pagament lill-kuntrattur tal-Bulky refuse - Joseph Magro. Dawn l-imsemmija Kunsilliera approvaw l-iskeda kollha kemm hi. Is-Sindku pprezenta l-allowance tal-Kunsilliera ta' Gunju. Is-Sindku nnota li saret il-claim ta' 10,000 ewro tal-Karnival wara li rcevejna l-ircevuti kollha.

**5. Mnarja 2016:**

*Wirja Agrarja:*

Tifkira lil esibituri – Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li gie ordnat kafe tradizzjonali mingħand Abraham Supplies bi prezz sponsorjat, u dan minflok prodott minn Zafferana. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Vici Sindku Eucharist Camilleri ssuggerixxa li l-Kunsill jitlob lil kumpanija Magro biex joffri xi haga f'għeluq il-mitt sena tal-kumpanija.

Il-Ħadd ser issir wirja biz-zwiemel fi Triq Dicembru 13 u dawn ser jingħataw kukkarda bhala tifkira li inxtrat mingħand Horace Enterprises. Il-Kunsill qabel ma dan.

Is-Sindku nnota li waqt il-Wirja Agrarja ser ikun hemm l-artista Mary Portelli tagħmel il-mosaic man-nies prezenti u li għandna d-disinn lest li jirrapprezenta lin-Nadur u lil Wirja Agrarja. Dan id-disinn gie imqassam lil Kunsilliera waqt il-laqgħa.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li nxtraw aktar pots mingħand Pjazzetta Hardware Store għal Wirja Agrarja.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Is-Sindku ssuggerixxa li jinghata kumpens ta' 40euro lil Marian Buttigieg tal-istand tal-bizzilla u 40euro lil Marie Galea għal fjuri tal-wirja, u ovvjament jitħallsu l-ispejjez abbinati mal-ikel u l-kafe waqt il-wirja agrarja. Il-Kunsill qabel ma dan. Hu kompla jgħid li minhabba nuqqas ta' xita se nnaqsu l-istands tal-frott u hxejjex. Is-Sindku nnota ukoll li l-Kunsill ma rcieva l-ebda sponsor ieħor mingħand MGOZ jew Seg. Parlamentari għal Agrikultura.

*Fun Games:*

Is-Sindku nnota li ser issir laqgħa mal-partecipanti għada l-Erbgha fis-6pm. Il-Kunsill haseb għal medalji għal kulhadd u trophy għat-tim rebbieh mingħand Horace Enterprises. Il- Kunsill ser jipprovdi ukoll sound għas-serata – minn Bjorn Vella. Is-Sindku kompla jgħid li hemm hames timijiet mmexxijin minn Maria Victoria Theuma, Brittany Attard, Semira Grech, Nicholas Borg u Vanessa Portelli. Il-Kunsill qabel ma dan.

*Attivita' Tfal:*

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-programm lest u varjat u ser isir fejn ic-Centru. Bouncing Castle wieħed biss ser ikun fil-Pjazza quddiem zuntier. Il-Kunsill qabel ma dan.

*Ikla Tradizzjonali:*

Is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill jipprovdi nofs l-ikla taz-zeffiena tal-Imnarja Folk Group bhala kumpens ghas-servizz tagħhom minflok ħlas ieħor. Il-Kunsill qabel ma dan.

*Tigrija Zwiemel:*

Is-Sindku nforma lil Kunsill li din tħassret peress li l-parrocca ma tridhiex issir nhar il-Festa. Wara diskussjoni mal-organizzaturi, din ma tistax issir lejliet u ma tagħmilx sens li nagħmluha s-Sibt ta' wara l-Festa. Il-Kunsill qabel fuq dan ukoll.

*Xalata:*

Is-Sindku nnota li saret talba biex nikkollaboraw permezz tad-dawl u sound (diga qeghdin fil-quotation), kiri ta siggijiet u kantant. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' titella' bil-kolloborazzjoni tal-Kunsill u nikkollaboraw bid-dawl, sound u kiri ta' siggijiet.

Il-Kunsillier Micheal Camilleri staqsa rigward l-materjal tal-injam tal-platform fil-Pjazza San Pietru u San Pawl. Is-Sindku nnota li dan hu materjal Marine apposta għal l-elementi ta' barra.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

*Traffic Management Flow:*

L-Ghaqdiet pprezentaw traffic management plan li kienet diga intbgħatet lill- kunsilliera. Is-Sindku spjega fic-car magħhom li din it-traffic management plan trid tigi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill u wara ma' esperti minn TM. Is-Sindku ssuggerixxa li s-sena d-dieħla l-Vici Sindku Eucharist Camillieri jiehu ħsieb dan il-pjan mal-għaqdiet koncernati u ma TM.

**6. Tender Planters**

Is-Sindku pprezenta disinn differenti lil-kunsilliera u jekk jaqblu fuqu jigi simplifikat it-tender. Is-Sindku kompla jgħid li tkellem ma mastrudaxxi lokali u jidhru li bicca xogħol bhal din kapaci jidhlulha u tinħareg kwotazzjoni għal ammont ta' pots din is-sena u imbagħad tinħareg kwotazzjoni l quddiem għal ohrajn. Il-Kunsill qabel ma dan.

**7. Management Letter 2015**

Is-Segretarja bgħatet lil Kunsilliera l-Management letter mingħand RSM Malta u risposta draft li tindirizza kull punt. Is-Sindku rega spjega fid-dettal id-draft Management letter. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar innotat il-punt fejn issemma l-Financial Indicator fil-Management letter u li jrid jitwaqqaf il-Kumitat tal-Finanzi. Hi kompliet tgħid li l-Financial Indicator mar għall-ahjar u li certu affarijiet gew indirizzati pero li xorta obbligati nwaqqfu dan il-Kumitat u li baqa' xi nuqqasijiet li qed jissemmew minn sena ghall-ohra bhal budgetary items li qed jinqabzu. Il.-Vici Sindku staqsa lil Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar biex tinforma lil Kunsill jekk hemm xi kontijiet li ma taqbilx magħhom. Dr Josianne Cutajar qalet li r-rapport tal-Board tal-Governanza huwa wieħed inkwetanti. Is-Sindku nnota li l-Bord tal-Governanza ma għandu x'jaqsam xejn direttament mal-Financial Situation Indicator, u li l-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar kienet konxja għal kull pagament li għadda waqt il-laqgħat meta hi kienet kunsilliera. Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar nnotat li hi gibdet l-attenzjoni kemm il darba waqt il-laqgħat. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud u s-Sindku staqsew lil Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar biex tgħid f' liema minuti dan gie miktub u li kull minuti jigu mgħoddija fil-laqgħa bl-approvazzjoni tal-Kunsilliera kollha prezenti. Is-Sindku nnota li Dr Josianne Cutajar kienet dejjem prezenti waqt il-laqgħat u kienet informata bil-process kollu. Dr Josianne Cutajar qalet li min kien obbligat jigbed l-attenzjoni tal-Kunsill ma kienx qed jaghmel dan. Is-Sindku staqsa lil Dr Josianne Cutajar jekk taqbilx li jsiru l-planters tal-pjanti fil-Pjazza. Hawnhekk il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar regghet talbet għal-Kumitat tal-Finanzi u biex l-Kunsill jiehu parir rigward dan il-Kumitat. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud nnotat li jekk jigi diskuss xi ħaga fuq il-mejda tal-Kunsill u jkun hemm qbil fuqu dan għandu imbgħad jitħallas. Il-Vici Sindku Eucharist Camilleri, Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud u s-Sindku approvaw

id-draft management letter waqt li l-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar u Micheal Camilleri astjenew.

**8. Wine Festival 2016**

Is-Sindku nnota li l-programm kwazi lest, l-istands lesti ukoll pero' ghad fadal wisa' għal tal-għagin u restaurant u l-marketing għal din l-attivita' ser jibda dalwaqt. Hu kompla jgħid li ser tintbagħat ittra lil għaqdiet għal sejha tal-BBQ u Bars. Ser jinħargu wkoll il-kwotazzjoni tad-dawl u PA System.

**9. Materji Ohra**

i. Wasteserv Tipping Fees: Is-Sindku ssuggerixxa li l-kontijiet jithallsu kollha u fl-ahhar tas-sena jitnaqqas l-ammont skond l-allokazzjoni li għandu l-Kunsill. Il-Kunsill qabel fuq dan.

ii. Permessi Parties waqt Festa: Kunsill qabel li ma għandu joħrog l-ebda permess ta dan it-tip.

iii. Safra Team ta Nadur Youngsters – Is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill jikkollabora mal-unika attivita ta' ringrazzjament lil l-iskwadra tal-futbol tar-raħal fejn ser isiefru, u allura iħallas il-bus lejn l-airport u lura. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Vici Sindku Eucharist Camilleri astjena.

iv. Mandat Ilma - Il-Kunsill ha parir fuq dan u l-kuntrattur irrid xorta jonora l-offerta. Il-Vici Sindku nnota li jekk ikun hemm bdil fl-ilma jrid ikun ilma minn sors tajjeb.

v. Wifi - Is-Sindku nnota li hemm bzonn ta' installazzjoni ta'apparat isfel biex jaqbad il-wifi minn fuq. Peter Muscat ser jigi jinstalla dan l-apparat.

vi. Ittra min ARPA dwar 55K fuq Progett tal-Pjazza- Is-Sindku spjega fid-dettal lil-Kunsilliera li rċevejna din l-ittra biex nagħmlu refund peress li l-Mizura 413 kienet tiffinanzja 80% tal-progett. Hu kompla jgħid li intbghatet din l-ittra lil numru ta' Kunsilli Lokali oħra. Il-flus li inghataw taht din il-Mizura marru diga dirett għand il-kuntrattur, li kien pprezenta claims ghalihom. Fakkar ukoll li l-Kunsill rcieva ħafna aktar fondi minn dawk allokati originarjament fuq Mizura 413.

vii. Summer Fest - Is-Sindku nnota li kellu laqgħa mal-Kummissjoni Zgħazagħ u Kunsill taz-Zgħazagħ rigward is-Summer Fest. Hu nforma lill-Kunsill li bhalissa l-Kunsill ghandu spejjez relatati mal-festa u anke mal-Wine Festival. Is-Sidku ssuggerixxa li jingabru kwotazzjonijiet mingħand il-Kummissjoni taz-Zghazagh u mbagħad jiddicciedi l-Kunsill jekk jikkollaborax.

viii. Requests:

- Talba għal bozza gdida fi Triq ta Ħida kantuniera ma Triq Qorti tal-Uqija - Din ser titpogga fuq il-waiting list.
- Talba mingħand Elizabeth Portelli biex titranga bankina u tappiera fi Triq ta' Said.
- Talba mingħand Peter Bugeja biex titranga bankina mal-livell tat-triq fi Triq Piju Cellini.
- Talba mingħand Joseph Caruana għal ħadida fi Triq Rabat.
- Talba għal ħadid għat-tappieri l-godda tal-festa.
- Talba mingħand Joseph Grima biex titranga tappiera tal-bankina fi Triq Piju Cellini.
- Talba għal Unloading Bay fi Triq l-Isqof Buttigieg. Il-Kunsill ser jibgħat lil TM.
- Talba għal Unloading Bay fi Triq il-Knisja li taqdi lil hwienet tan-naħa t'isfel tal-Pjazza. Il-Kunsill ser jibgħat lil TM.
- Talba għal Yellow lines fi Triq San Blas int u sejjer ghal Bajja għax qed jgħalqu l-access. Il-Kunsill ser jibgħat lil TM.
- Give way fi Triq il-Knisja hdejn Triq it-Telegrafu minhabba kongestjoni. Il-Kunsill ser jibgħat lil TM.
- Suggeriment mingħand il- Vici Sindku rigward art f'tad-Duru biex titranga b'ħajt. Il-Kunsill irid jara fuq dan peress li l-projetarji jridu jcedu bicca mir-raba' tagħhom.
- Talba mingħand il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar biex jissaqqew ix-xtieli fi Triq Xandriku. Is-Segretarja ser tagħmel kuntatt mal-kuntrattur.
- Talba mingħand il-Kunsilliera Dr Josianne Cutajar biex jitpoggew tabella fuq stage tal-buses li mhux ser tgħaddi bus meta t-triq tkun maghluqa. Is-Segretarja nformat lil Kunsill li qed jitpoggew diga dawn it-tabelli.
- Suggeriment mingħand Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar rigward zewg gates zgħar hdejn il-ground tal-football li huma essenzjali ghas-safety tat-tfal li jkun hemm fl-area u xi tiswijiet ohra li hemm bzonn isiru. Is-Sindku nnota li din l-area trid tingħalaq għax perikuluza.
- Talba mingħand Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar rigward patching fi Triq Torri Sopu u Triq Wied ir-Rihan. Is-Sindku nnota li l-Patching fi Triq Torri Sopu ser isir dalwaqt.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar staqsiet rigward il-waiting list tal-bozoz. Is-Sindku nforma lil Kunsill li r-Regjun għadu jrid joħrog it-tender.
- Talba mingħand il-Kunsillier Micheal Camilleri rigward it-turf hdejn il-monument fi Triq ir-Ramla. Is-Sindku nnota li wasal l-lawn mower u dan ser issir wara l-Imnarja.

**10. Data għall-laqgħa oħra**

Il-laqgħa spiċċat fis-7:00p.m. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 12 ta' Lulju 2016, fil-4.30 p.m.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |